# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024.**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 188/2023 ISB**

**Nazzareno Dalli**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Avukat Ġenerali**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Nazzareno Dalli**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *TIDDIKJARA illi t-trapass taz-zmien u d-dewmien esagerat u rragonevoli li tiehed sabiex jinstemghu l-proceduri surreferiti, leda d-dritt fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzioni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzioni ta' Malta u konsegwentement;*

2. *TAKKORDA rimedju effettiv u taghti dawk l-ordnijiet u provedimenti xierqa u necessarji sabiex jigu sanciti d-drittijiet inerenti u kostituzzionali tal-esponent kif hawn fuq indikat.*

3. *TAGHTI kumpens xieraq ghad-danni morali sofferti mir-rikorrent.*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), ir-rikorrenti tressag b'arrest guddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'reati relatati ma' falsifikazzjoni ta' flus, serq ta diesel u petrol minn diversi petrol stations u ricetazzioni.*

*Illi l-imsemmija kawza giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ricentement u cioe nhar I-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u cioe tmintax (18) -il sena wara illi gie mressaq l-ewwel darba quadiem il-Qrati Maltin.*

*Illi l-parti sostanzjali tal-proceduri surreferiti quddiem I-Qorti ittawwlu tort attriwibbli lill-Prosekuzzjoni u dan sabiex tkun tista tressaq il-provi taghha quddiem 1-Ewwel Onorabbli Qorti.*

*Illi fI-4 ta' Ottubru tas-sena 2004, xehed I-ufficjal prosekutur u minn dakinhar sas-6 ta' Novembu tas-sena*

*2013, l-imsemmija kawza giet differita mill-inqas disgha u ghoxrin (29) darba ghai provi tal-prosekuzzioni.*

*Illi jigi rilevat ukoll li f'dan il-perjodu, l-unika darba li r-rikorrenti m'attendiex ghas-seduta kien fit-28 ta' April tas-sena 2008 ghax kien indispost u dan kif evidenzjat mic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol 57 tal-atti.*

*Illi sussegwentement fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena efein u tlettax (2013) il-kawza kiene giet differita sine die u kien fil-hamsa u ghoxrin (25) t' Ottubru tas-sena elfein u mnejn u ghoxrin (2022) li I-kawza regghet giet appuntata quadiem il-orti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta.*

*Illi d-dritt ghal smiegh xieraq fi mien ragjonevoli ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzioni u Artikolu 6 tal-Konvenzioni Ewropea ghad-Drittifiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittigiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi huwa dritt fundamentali ta' l-individwu li ikollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata fi zmien ragovenoli, liema dritt huwa tassattivament imponut fuq kull Stat. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Vocaturo vs Italy deciza fI-24 ta Mejju tas-sena 1991 u fil-kaz G.HI vs Austria deciza fit-3 ta' Ottubru tas-sena 2000 irriteniet:*

*"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can quarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to cioil rights and obligations within a reasonable time".*

*Ili dan irid jittiehed fil-kuntest ta' dak li jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "Major Manduca vs Il-Prim Ministru", moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzionali fit-23 ta' Jannar 1995, fejn hemm ukoll referenza ghall-insenjament tal-ktieb ta Van Dyke and CJF Van Hoof li jipprovdi li:*

> *'Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organize the*

> *administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of articie 6'.*

*Illi hawn huwa opportun li irreferi ghal dak li gie ritenut fis-sentenza "John Saliba vs Avukat Generali et" (P.A. [S.K.] [GCD] Rik. Nru. 625/97/GCD - 24 ta' April 1998):*

> *"Ghalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta z-zmien jibda jitqies bhala twil izzejjed, ghax the reasonable of the duration of proceedings covered by Art. 6 l...] must be assessed in each case according to the circumstances' [Konig os Germany], madanakollu meta z-zmien prima facie jidher twil, bhal ma indubbiament huwa fil-kaz tal-um, ikun imiss ghall-istat intimat li juri li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id dewmien (Santili os Italy, 19 tá' Frar 1991 [ECHR - A 194-D])".*

*Illi inoltre fis-sentenza datata 14 ta' Novembru tas-sena 2002, fl-ismijiet Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Avukat Generali, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzionali) ghamlet referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin li sahgu li sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux ragonevoli, hemm bzonn li jigu kkunsidrati t-tliet fatturi segwenti:*

*(a) il-komplessita' tal-kaz;*
*(b) l-imgieba tal-Qorti;*
*(c) l-imgieba ta' min ikun ged jaghmel il-lament.*

*Ili meta wiehed igieghed ic-cirkostanzi tal-kaz u z-zmien rilevanti ghal ilment tar-rikorrenti u jkejjilhom mal-kriterji hawn fuq msemmija, wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni li kien hemm dewmien gustifikabli fis-smigh ta dan il-kaz jew li tali dewmien kien attribwibli lir-rikorrenti.*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta’ April 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għal-15 ta’ Mejju 2023 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali** u **Avukat tal-Istat** intavolata fit-8 ta' Mejju 2023 (fol 9) li permezz tagħha eċċepew:

> *Ir-rikorrent qiegħed jallega li hu ġarrab ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minħabba t-trapass taż-żmien fil-proċeduri kriminali istitwiti kontrih li eventwalment ġew deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz ta' sentenza mogħtija nhar l-14 ta' Marzu, 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Wayne Rodney Borg) vs. Nazzareno Dalli**.*
>
> 1. *Illi preliminarjament, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali mhumiex leġittimi kontradittturi ta' din l-azzjoni u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> 2. *Illi huwa paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja. Kif jgħidu l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick** fil-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights**:*
>
>    *"The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stögmüller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78*

*(2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58].*

*The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC]."*

3. *Il-fatt waħdu li l-proċeduri kriminali damu numru ta' snin ma jfissirx waħdu li hemm dewmien inġustifikat. Tabilħaqq hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja proċedura ġudizzjarja,* ***imma dan għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari u kollha tal-każ****.*

4. *F'dan il-kuntest tajjeb jingħad li kuntrarjament għal dak mistqarr fir-rikors promotur, ir-rikorrent naqas milli jattendi għal diversi seduti, u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, kjarament ma ħassux preġudikat bit-trapass taż-żmien.*

5. *Ulterjorment, għandu jingħad li l-Prosekuzzjoni ma tawlitx il-każ kapriċċożament. Kien hemm bżonn ta' xhieda ta' li kienu qegħdin jaffaċċjaw proċeduri kriminali u għalhekk ma setgħux jiġu mġiegħla jixhdu qabel ma jiġu konklużi l-kawżi kriminali tagħhom.*
6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2023, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jippreżenta, permezz ta' nota, l-atti relattivi għall-proċedura **Il-Pulizija (Spettur Ian Abdilla) vs Nazzareno Dalli** deċiża fl-14 ta' Marzu 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

Rat in-nota tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali intavolata fil-15 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha annetta l-kopja oriġinali tal-proċess mitlub.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2023, wara li r-rikorrent tratta l-kawża, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent jikkontendi li sofra leżjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante t-trapass taż-żmien u d-dewmien esaġerat u rraġonevoli li ttieħed sabiex jinstemgħu l-

proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Jispjega li nhar l-20 ta' Settembru 2004, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'reati relatati ma' falsifikazzjoni ta' flus, serq ta' diesel u petrol minn diversi *petrol stations* u riċetazzjoni. Jgħid li l-imsemmija kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-14 ta' Marzu 2023 u ċjoè tmintax (18)-il sena wara.

Isostni li l-parti sostanzjali tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ttawlu stante li l-Prosekuzzjoni damet biex tressaq il-provi tagħha. Jispjega li fl-4 ta' Ottubru 2004, xehed l-uffiċjal prosekutur u minn dakinhar sas-6 ta' Novembru 2013, il-kawża ġiet differita mill-inqas disgħa u għoxrin (29) darba u jgħid li fl-istess perjodu l-unika darba li r-rikorrenti m'attendiex kien fit-28 ta' April 2008 meta kien medikament indispost.

Jispjega li fis-6 ta' Novembru 2013, il-kawża kienet ġiet differita *sine die* u kien fil-25 ta' Ottubru 2022 li l-kawża reġgħet ġiet appuntata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) diversament preseduta.

Jikkontendi li hu dritt tiegħu kif sanċit bl-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u ffinalizzata fi żmien raġonevoli u in sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Vocaturo vs Italy** deċiża fl-24 ta' Mejju 1991 u **G.H vs Austria** deċiża fit-3 ta' Ottubru 2000, kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Major Manduca vs Il-Prim Ministru** deċiża fit-23 ta' Jannar 1995 u **John Saliba vs Avukat Ġenerali et** deċiża fl-24 ta' April 1998.

Jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Central Mediterranean Development Corporation Ltd vs Avukat Ġenerali** deċiża fl-14 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u awturi barranin saħqet li

sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli hemm bżonn li jiġu kkunsidrati tlett fatturi u ċjoè: il-komplessità tal-każ, l-imġieba tal-Qorti u l-imġieba ta' min ikun qed jagħmel l-ilment.

Jikkontendi li fil-każ tiegħu wieħed ma jistax jasal għal konklużjoni li kien hemm dewmien ġustifikabbli fis-smigħ ta' dan il-każ jew li tali dewmien kien attribwibbli lir-rikorrenti.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu r-rikorrent jinsisti li l-Qorti m'għandha jkollha l-ebda diffikultà li ssib sejbien tad-drittijiet *de quo* stante d-dewmien inġustifkabbli li bl-ebda mod ma jista' jiġi attribwit lir-rikorrent.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom l-intimati l-**Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** jikkontendu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Primarjament jeċċepixxu li l-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali mhumiex leġittimi kontraditturi ta' din l-azzjoni u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Isostnu li huwa paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li dan għandu jiġi evalwat a bażi tal-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet tal-kawża u l-aġir tal-awtorità ġudizzjarja. Jgħidu iżda li l-fatt waħdu li l-proċeduri damu numru ta' snin ma jfissirx li d-dewmien mhux ġustifikat.

Jikkontendu li kontra għal dak li qal ir-rikorrent, hu naqas milli jattendi għal diversi seduti. Oltre minn hekk, isostnu li l-prosekuzzjoni ma tawlitx il-każ inutilment iżda kien hemm xhieda neċessarja li kienu qegħdin jaffaċjaw proċeduri kriminali oħra u għalhekk ma setgħux jiġu mġiegħla jixhdu qabel ma jiġu konklużi l-kawżi kriminali tagħhom.

Fis-**sottomissjonijiet** tagħhom jispjegaw li d-diffikultà f'dan il-każ kienet li xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, Adrian Scicluna, kellu proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu u għalhekk għażel li ma jixhidx iżda l-prosekuzzjoni insistiet fuq din ix-xhieda u għalhekk il-każ effettivament ma setax jipproċedi qabel ma jintemmu l-proċeduri miġjuba kontrih u kien għalhekk li l-kawża ġiet differita *sine die*. Jgħidu li fil-frattemp Adrian Scicluna ġie nieqes u kien għalhekk li l-prosekuzzjoni meta ġiet ri-appuntata l-kawża ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi.

Jgħidu li addizzjonalment minħabba l-iżviluppi fil-ġurisprudenza fil-frattemp ir-rikorrent kien talab li l-istqarrija tiegħu tiġi rilaxxata stante n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat u b'hekk l-unika prova kienet ix-xhieda tal-uffiċjal prosekutur u ġie liberat stante n-nuqqas ta' provi.

Isostnu li d-dewmien li kien hemm f'dan il-każ ma kienx frott xi kapriċċi jew insistenzi rraġonevoli iżda kienet proprju r-rieda li jitmexxa l-każ kif suppost, u ċjo` li jixhed xhud li kien iħoll u jorbot.

Mill-banda l-oħra jikkontendu li mill-imġieba tar-rikorrent jirriżulta li hu qatt ma ta wisq każ mid-dewmien tal-każ tiegħu u saħansitra kienu ta' vantaġġ stante li l-isqarrijiet tiegħu ġew reżi inammissibli minħabba l-iżviluppi fil-ġurisprudenza.

Jispjegaw li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dana stante li l-Avukat Ġenerali qatt ma kien involut fil-proċess u l-Kummissarju tal-Pulizija ma għandu l-ebda tort għaliex fl-agħar ipoteżi kull ma kien qiegħed jagħmel kien li jinsisti għal xhieda li ma kienx f'posizzjoni li jressaqha.

Jelenkaw numru ta' deċiżjonijiet fejn kien hemm sejbien tal-ksur tad-drittijiet *de quo* minħabba dewmien u l-ammont ta' kumpens li ġie likwidat f'kull waħda.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti l-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati:

**<u>Eċċezzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontradittturi</u>**

L-intimati Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom eċċepew li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri.

L-intimati jsostnu li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ma kellu l-ebda involviment f'dawn il-proċeduri u l-Kummissarju tal-Pulizija wkoll stante li d-dewmien mhuwiex mhux attriwibbli lilu.

Il-Qorti tosserva li huwa minnu li l-lanjanza tar-rikorrenti tikkonċerna l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Qrati u mhux tal-Avukat Ġenerali u dana stante li l-Avukat Ġenerali ma jmexxix il-proċeduri kriminali f'każijiet sommarji bħal ma kien fil-każ tar-rikorrenti u għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' din il-parti tal-eċċezzjoni.

Il-Qorti tosserva wkoll li r-rikorrenti bl-ebda mod mhu jgħid jew jindika li t-tort mhux attriwibbli lill-Kummissarju tal-Pulizija, anzi jimplika li d-dewmien kien proprju attriwibbli għall-fatt li l-prosekuzzjoni damet ittella' l-provi. Għalhekk la darba l-prosekuzzjoni f'kawżi kriminali sommarji huma mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva, l-istess Kummissarju kien parti integrali mill-proċeduri kriminali u dana stante li bħala l-prosekutur ewlieni huwa proprju hu li jmexxihom. La darba permezz ta' din il-proċedura qed jiġu attakkati l-istess proċeduri, ċertament li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu interess f'dawn il-proċeduri. B'hekk din il-Qorti tqis li l-

Kummissarju tal-Pulizija għandu interess li jkun parti f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tillibera biss lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt illi tiċħadha fil-kumplament.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq bi ksur tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante d-dewmien fil-proċeduri.

L-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata*

*tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*

*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
*(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert v Belgium** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*

*-Ommissis-*

*39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*

*40. In conclusion, the Court finds no violation of Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament, huwa paċifiku jingħad illi d-dritt tas-smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalità tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-awtorità ġudizzjarja.

Magħruf dan il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-fatti tal-każ odjern.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Wayne Rodney Borg) vs Nazzareno Dalli** bir-referenza 787/2004.

Jirriżulta li l-imsemmija proċeduri bdew fl-20 ta' Settembru 2004 u sal-25 ta' Lulju 2005 instemgħet b'mod regolari. Jirriżulta li fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2005, l-uffiċjal prosekutur iddikjara li ma kellux provi aktar xi jressaq għajr ix-xhieda ta' Adrian Scicluna li kien talab li ma jixhidx stante li kellu proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu.

Jirriżulta li wara dik id-data l-kawża kompliet tissejjaħ b'mod regolari. Tul is-snin kien hemm diversi verbali li jindikaw li kien

qiegħed jintalab differiment għall-istess skop kif ukoll verbali li jindikaw nuqqas ta’ notifiki lill-partijiet kif ukoll istanzi fejn ma deher ħadd mill-partijiet.

Jirriżulta li fil-31 ta’ Jannar 2012, il-Maġistrat sedenti ta’ dak iż-żmien indika li kien qiegħed jikkonċedi l-aħħar differiment qabel ma jiddeċiedi l-kawża u dana stante li kienet ilha pendenti mill-2004. Minkejja dan, ikkonċeda numru ta’ differimenti oħra sakemm finalment fis-6 ta’ Novembru 2013, huwa ddiferixxa l-kawża *sine die* b’referenza għall-verbal tal-31 ta’ Jannar 2012.

Jirriżulta li dak li kien imiss fil-proċess (a fol 76) kien rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datat 4 ta’ Awwissu 2022 fejn talab li l-kawża tiġi ri-appuntata.

Jirriżulta li fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2022, l-uffiċjal prosekutur esebixxa ċ-ċertifikat tal-mewt ta’ Adrian Scicluna li jġib id-data ta’ 22 ta’ Frar 2014 u ddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq.

Jirriżulta li fis-seduta ta’ wara, u ċjoè tal-31 ta’ Jannar 2023, ġie trattat il-punt rigward l-isfilz tal-istqarrijiet tal-imputat u finalment fl-14 ta’ Marzu 2023, wara li l-intimat iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq, ingħatat is-sentenza.

Magħrufa l-fatti l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina t-tliet fatturi fuq elenkati li l-Qorti trid tqis fl-evalwazzjoni tagħha.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

*Il-kumplessità tal-każ*

Il-Qorti ma jirriżultalha bl-ebda mod, la mill-proċess innifsu u lanqas mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, li l-każ *de quo* kien każ ikkumplikat. Anzi, jirriżulta bil-kontra, u ċjoè, li dan kien każ sempliċi u kull ma kien jirrikjedi kien is-smigħ ta’ xhud wieħed apparti l-uffiċjal prosekutur.

B'hekk id-dewmien ċertament li ma jistax jiġi attribwit għall-kumplessità tal-każ, jew ġustifikat bl-istess.

*L-imġieba tal-Qorti*

Il-Qorti f'dan il-każ, kif jemerġi b'mod ċar mill-proċess tal-każ *de quo* appuntat seduti u udjenzi b'mod regolari u kienu diversi d-drabi li ġibdet l-attenzjoni tal-uffiċjal prosekutur li kien ilha tikkonċedi differiment wara l-ieħor, iżda minkejja dan kien biss wara disa' (9) snin li ħadet azzjoni u ċjoè meta ddiferiet il-każ *sine die*.

Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx l-azzjoni ta' differiment *sine die* bħala soluzzjoni għar-rikorrenti, li wara kollox kien f'dak iż-żmien diġà ilu disa' snin jistenna l-ġustizzja. Minkejja dan, lanqas ma tista' l-Qorti tipprekludi parti milli ġġib il-provi li tixtieq meta hemm raġuni valida dwar għala dawn mhux jinġiebu. F'dan il-każ ir-raġuni kienet li x-xhud ewlieni kien qiegħed jistenna ġustizzja f'kaz tiegħu, u għalhekk kellu d-dritt li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu – raġuni li din il-Qorti tqisha valida.

Ġialadarba l-każ kien differit *sine die* sta għall-partijiet li jagħmlu talba għal ri-appuntament u għalhekk ċertament iż-żmien li ddekorra meta l-kawża kienet differita *sine die* ċertament li ma jistax ikun attriwibbli lill-Qorti.

Il-Qorti tinnota wkoll li ġialadarba l-każ ġie ri-appuntat, ġie konkluż fi ftit aktar minn sena u tul daż-żmien ġiet determinata wkoll talba għall-isfilz tal-istqarrija tar-rikorrent u għalhekk din il-Qorti tqis dan iż-żmien bħala raġonevoli.

Għalhekk din il-Qorti tqis li d-dewmien da parti tal-Qorti kien wieħed ġustifikat u ċertament li kwalunkwe dewmien mhux ġustifikat ma jistax jiġi attribwit għall-imġieba tal-Qorti.

*L-imġieba tal-partijiet*

Stabbilit li d-dewmien prinċipali fl-ewwel stadju kien attribwit għall-fatt li l-uffiċjal prosekutur ried itella' xhud ewlieni li kellu raġunijiet ġustifikati għan-nuqqas tad-dehra tiegħu, din il-Qorti tqis li l-imġieba tal-Kummissarju tal-Pulizija sal-mument li l-kawża ġiet differita *sine die* u s-sussegwenti mewt tal-istess xhud msemmi bħala raġonevoli u fl-interess tal-ġustizzja – wara kollox huwa ċar f'moħħ il-Qorti li l-uffiċjal prosekutur kien jaf li mingħajr dik ix-xhieda l-każ tiegħu seta' kien monk u li għalhekk it-tfittxija tal-Qorti ghall-verità ma setgħetx issir b'mod adegwat jekk ix-xhud *de quo* ma jiddeponix.

**Iżda, din il-Qorti ma tara l-ebda ġustifikazzjoni fil-fatt li x-xhud Adrian Scicluna miet fi Frar tas-sena 2014 u l-intimat Kummissarju tal-Pulizija dam sal-15 ta' Novembru 2022, u ċjoè tmien (8) snin u nofs sabiex għamel rikors sabiex il-kawża tiġi ri-appuntata**. Ma nġiebet l-ebda prova u ma saret ebda sottomissjoni sabiex mqarr tiġi ttentata ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien.

Il-Qorti tqis illi huwa għal kollox deplorabbli da parti tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, li kien konsapevoli tal-mewt tal-istess xhud u konsapevoli wkoll li r-rikorrent kien qed jistenna ġustizzja relatata mal-istess xhieda, u dam dak iż-żmien kollu sabiex talab ir-riappuntament tal-kawża. Ċertament li la Adrian Scicluna kien l-unika xhud li kien fadlilha tipproduċi l-prosekuzzjoni u ġialadarba dan kien miet, ma kienx jagħmel sens illi jkun hemm trapass ta' tmien snin u nofs sabiex il-każ tar-rikorrent jerġa' jiġi ri-appuntat.

L-unika preġudizzju kien qed isofriħ ir-rikorrent li baqa' dak it-tul ta' żmien kollu jistenna ġustizzja.

A skans a inekwivoci, il-Qorti ser tirriproduċi *folio folio* dak li jinsab fil-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal dan il-perjodu rilevanti:

Fol 75 – verbali tas-seduta tas-**6 ta' Novembru 2013** u d-digriet tal-Qorti fejn il-kawża ġiet differita *sine die*.

## Jgħaddu tmien snin u nofs

Fol 76 – rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija datata **4 ta' Awwissu 2022** li permezz tiegħu intalab ir-riappuntament tal-kawża.

Fol 77 – digriet tad-**9 ta' Awwissu 2022** fejn ġie milqugħ ir-rikors għar-riappuntament u l-kawża tħalliet għall-25 ta' Ottubru 2022.

Fol 78 – *email* tad-**9 ta' Awwissu 2022** mibgħuta lill-Ispettur bid-digriet.

Fol 79 – verbali tas-seduta tal-**25 ta' Ottubru 2022** b'talba għal differiment da parti tad-difiża.

F'seduta oħra mbagħad, dik tal-**15 ta' Novembru 2022**, ġie ppreżentat iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Adrian Scicluna u l-prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kelliex aktar provi x'tipproduċi.

Għalhekk, huwa evidenti illi filwaqt illi x-xhud Adrian Scicluna ġie nieqes fi Frar 2014, b'dana kollu kien biss f'Awwissu 2022, preċiżament tmien snin u nofs wara, illi l-Kummissarju tal-Pulizija ressaq ir-rikors tar-riappuntament tal-kawża, sabiex minn hemmhekk imbagħad komplew il-proċeduri sakemm il-Prosekuzzjoni ppreżentat ic-certifikat tal-mewt u ddikjarat illi ma kelliex aktar provi xi tressaq.

Il-Qorti tqis illi tmien snin u nofs (2014 – 2022) sabiex ġie ntavolat rikors għal ri-appuntament huwa perjodu ċertament ferm u ferm esaġerat. Tqis ukoll illi la fil-proċeduri penali u lanqas f'dawn il-proċeduri ma nġiebu raġunijiet tajba għaliex seta' jiġi, imqar bit-tiġbid tal-imaġinazzjoni, ġustifikat dan id-dewmien.

**Għalhekk ċertament li din il-Qorti ser ssib li l-imġieba tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet waħda mhux**

**ġustifikata u kkawżat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Mill-atti ma jirriżultax jekk kemm-il darba r-rikorrenti kienx jaf hu bil-mewt tax-xhud Adrian Scicluna, f'liema każ kien ċertament ikun anke hu f'pożizzjoni illi jressaq rikors għar-riappuntament – imma fin-nuqqas ta' prova bħal din, din il-Qorti ma tistax tassumi jew tikkonkludi skont dak li ma jirriżultax. Hekk kif ma jirriżultax ukoll meta ġiet mgħarrfa l-Qorti li kienet qed tippresjedi l-proċeduri kriminali kontra l-imsemmi Adrian Scicluna u allura meta waqqfu dawk il-proċeduri. Ħadd mill-partijiet odjerni ma ressaq provi fir-rigward.

**GĦALDAQSTANT,** din il-Qorti, wara illi ħadet konjizzjoni tal-fatti kollha miġjuba u magħmula l-konsiderazzjonijiet kif hawn fuq imsemmi, qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. **Tilqa'** limitatament l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tal-intimati u tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Avukat Ġenerali, filwaqt illi tiċħad il-bqija ta' din u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha.

2. **Tiddikjara** li t-trapass taż-żmien u d-dewmien esaġerat u rraġonevoli li ttieħed sabiex jinstemgħu u jkunu konklużi l-proċeduri kriminali li għadda minnhom ir-rikorrenti u kif hawn fuq spjegat, jammonta għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

3. **Tiddikjara** lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija bħala responsabbli għad-dewmien imsemmi u konsegwentement għad-dannu soffert mir-rikorrent.

4. **Tillikwida** kumpens dovut lir-rikorrenti, in linea ta' danni non-pekunjarji, fis-somma ta' tlett elfejn ewro (€2,000).

5. **Tikkundanna** lill-Kummissarju tal-Pulizija jħallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elfejn ewro (€2,000) fi żmien tlett xhur minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

6. **Tordna** lill-Kummissarju sabiex fid-dawl tar-riżultanzi kif hawn fuq spjegati, jirrediġi permezz tal-istrutturi fil-korp tal-Pulizija, indagini interna sabiex jara jekk kienx hemm xi uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija illi naqqsu fid-dmirijiet tagħhom u li wasslu għal dan l-akkadut, peress illi filwaqt illi huwa veru illi l-Kummissarju tal-Pulizija finalment irid jerfa' l-piż, kwalsiasi flejjes illi jridu jitħallsu jħallashom finalment il-poplu Malti, u jekk jirriżulta illi kien hemm nuqqas ta' xi ħadd mill-Korp tal-Pulizija, allura l-Kummissajru għandu jassigura illi jittieħdu l-passi kollha opportuni.

7. **Tordna** finalment illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat mir-Reġistratur lill-**Ministru responsabbli mill-Ġustizzja** u lill-**Ministru responsabbli mill-Pulizija Eżekuttiva**, sabiex jieħdu konjizzjoni ta' dak li jirriżulta fil-każ odjern, senjatament illi kellhom jgħaddu tmien snin u nofs sabiex isir rikors da parti tal-Pulizija għal ri-appuntament ta' kawża kriminali illi kienet differita *sine die* sakemm jispiċċaw proċeduri kriminali kontra xhud illi kellu jixhed u li kien miet, u jaraw jekk jidhrilhomx illi għandu jsir xi ħaġa amministrattiva sabiex akkadut bħal dan, li sfortunatament mhux rari, kemm jista' jkun ma jerġax jirrepeti ruħu, mhux lanqas billi jkun hemm koordinazzjoni aħjar u aktar effiċjenti bejn id-diversi entitajiet involuti fi proċess ġudizzjarju bil-għan illi persuna ma ssofrix leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif jirriżulta illi ġara f'dan il-każ.

**Bl-ispejjeż** ta’ din il-proċedura jkunu a karigu tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**